MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 7/2009/1

**John Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent John Camilleri minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-14 ta’ Lulju, 2009 li cahdet it-talbiet tar-rikorrent, liema sentenza sejra tigi hawn

riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell.

“Il-Qorti:
"Rat ir-rikors tal-istess John Camilleri, li in forza tieghu wara li ppremetta illi b’sentenza ta’ l-24 ta’ April, 2008, huwa gie definittivament misjub hati mill-Qorti tal-Appell Kriminali talli fis-27 ta’ Dicembru, 2001 u l-granet ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga *ecstasy* kontenenti s-sustanza MMDA kontra l-provediment tal-Kap. 31, u f’cirkostanzi li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, gie kkundannat ghal piena ta’ hmistax-il sena prigunerija, multa ta’ Lm15,000.00 konvertibbli fi tnax il-xahar prigunerija, u l-ispejjez peritali;

"Inoltre, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat id-decizjoni tal-Qorti Kriminali fejn giet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes u proprjeta` ohra mmobbli jew immobbli tal-hati.

L-esponenti gab diversi argumenti ghala d-dikjarazzjoni ta’ htija milhuqa mill-gurati ta’ tmien voti kontra wiehed kellha tithassar fuq il-bazi tal-fatti li kien hemm.

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

""*Issa, din il-Qorti hija Qorti ta’ revizjoni u in esekuzzjoni ta’ din il-funzjoni taghha hija ezaminat dettaljatament l-atti processwalli, id-dokumenti ezebiti u l-indirizz tal-Prim Imhallef li ppreseda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f’dawn il-proceduri, il-gurati ben indirizzati mill-Prim Imhallef setghux legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija* tal-*appellant* tal-*akkuza migjuba kontra tieghu fl-akkuza skond il-verdett minnhom moghti.* ***Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hija tasal ghal xi konkluzzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hija ma tiddisturbax id-dikrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi, u tirrimpjazzaha taghha kemm-il darba jkun evidenti***

***ghaliha li l-gurati ma jkunux ghamlu apprezzament manifestament hazin ta' provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-Ligi tirriserva ghall-gurati meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament varjat fis-sens illi ebda gurija ma setghet legittimament u ragonevolment tasal ghalih.'***

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ghaddiet biex imbaghad tikkonsidra dak li jinstab fi Blackstone, Edizzjoni 2004. Ta' min jghid illi skond din l-istess citazzjoni minn Blackstone, ma jattaljax preciz mal-*pozizzjoni* li l-Qorti fissret bil-Malti. Fil-paragrafu li qieghda ssir referenza ghalih jinghad hekk:

""*However now our powers are somewhat, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the grounds that under all the circumstances of the case it is unsafe and unsatisfactory. That means that in cases of this kind, the Court must in the end ask itself as subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our mind which makes us wonder whether an injustice has been done. <u>This is a reaction which may be not based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the Court experiences it.'</u>*

"**<u>Ilment taht Protokoll 7, Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>**

"L-esponenti jissottometti li l-*pozizzjoni* li persistentement tiehu l-Qorti tal-Appell Kriminali hija fis-sens illi dak li huwa impost bil-Ligi bhala Qorti ta' Appell gie ridott ghal semplicement *review*. Il-kwistjoni ta' review la hija accettatta fil-prattika Ngliza kif fuq gie spjegat, u lanqas kienet qatt l-intenzjoni u l-kelma originali tal-Ligi Maltija fil-Kodici Kriminali meta dahal id-dritt ta' Appell mill-Guri.

“L-esponenti jaghmel referenza ghall-Artikolu 501 tal-Kodici Kriminali fejn skond il-Ligi taghna jinghad illi appell kontra dikjarazzjoni ta’ htija ghandu jigi milqugh kemm-il darba:

"a) Il-Qort tal-Appell jidhrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz tal-kawza, u;

"b) Jekk jidhrilha li kien hemm irregolarita’ matul il-kawza jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-Ligi li seta’ kellha nfluwenza fuq il-verdett, bil-*proviso* importanti li tista’ tichad l-appell jekk ma tqisx li saret ebda Amministrazzjoni hazina tal-Gustizzja.

"Jidher ghalhekk car illi skond il-Ligi taghna, il-Qorti tal-Appell Kriminali hija Qorti ta’ Appell u mhix semplicement Qorti ta’ Revizjoni jew inkella Qorti ta’ Kassazzjoni. L-Artikolu 2 tas-7 Protokoll jirreferi li s-sistema ghandha tkun regolata mill-Ligi tal-pajjiz, u sahansitra tippermetti xi eccezzjonijiet. Issa, il-Ligi tal-pajjiz taghna, dwar is-sejbien ta’ htija fuq il-fatti hija regolata mill-Artikolu 501 li jimponi fuq il-Qorti tal-Appell ezami tal-fatti, indipendenti minn dak li waslu ghalih il-gurati fis-sens biex jekk skond il-kuxxjenza taghha jidhrilha li l-fatti ma kinux iwasslu ghall-htija, minkejja li l-gurati fuq xi provi setghu emmnu u waslu ghall-htija, dak il-verdett tal-gurati ghandu jithassar. Il-*pozizzjoni* fis-sentenza ta’ Gianni Camilleri hija fis-sens li minkejja li l-Qorti tal-Appell Kriminali tista’ jkollha opinjoni diversa fuq il-fatti, l-ezami taghha huwa ristrett mhux fuq il-fatti imma fuq jekk il-gurati setghux jaslu ghal tali verdett u jekk setghu jaslu, allura ma jinbidilx tali verdett. Ezami ta’ gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jwassal li t-tibdil ta’ verdett fuq il-fatti gara biss meta jew ma kien hemm prova xejn, jew kien hemm *misdirection* tal-gurati li seta’ kellha effett fuq il-verdett u abbinat mal-fatti. Imma jekk kien hemm anke hjiel ta’ prova kontra l-akkuzat u l-gurati legalment setghu jiehdu dik il-prova, huwa l-verdett taghhom li jghodd u mhux il-konvinciment morali tal-Gudikanti fil-Qorti tal-Appell.

"Bir-rispett kollu jinghad illi dan imur kontra l-Konvenzjoni Ewropeja fl-Artikolu citat tas-7 Protokoll.

"**Ilment taht l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

"Il-*pozizzjoni* li ttiehdet f'dan l-Appell ifisser li l-verdett tal-gurija jibda b'vantagg illi l-akkuzat huwa hati kif misjub.

"Illi dan imur kontra l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex dejjem gie ritenut li meta jkun hemm appell l-akkuzat, anke fl-istadju tal-Appell jibqa' meqjus mhux hati u jrid jigi ppruvat kontra tieghu. Issa fil-kaz tal-Ligi Maltija titkellem car u tond li dan huwa kaz ta' Appell li jista' jsir fuq il-fatti. Mhix kwistjoni ta' revizjoni jew kassazzjoni fejn jigu kkunsidrati punti ta' Ligi.

"Illi l-*prezunzjoni* li l-gurati kienu f'qaghda ahjar li jiggudikaw u dak li ggudikaw huwa tajjeb u jrid jigi muri li manifestament ma kellhom l-ebda bazi biex isibu l-htija, dik il-*prezunzjoni* ta' innocenza li jgawdi persuna akkuzata sad-decizjoni finali tkun nieqsa. Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja hija kostanti fis-sens illi l-principji applikabbli ghal *trial* inkluza l-*prezunzjoni* tal-innocenza, japplikaw ukoll ghall-grad ta' Appell. Ghalkemm fil-Konvenzjoni originali l-grad ta' Appell ma kienx obbligatorju, bil-Protokoll 7 dan sar. L-istess principju japplikaw dwar il-persunzjoni tal-innocenza li trid tigi ppruvata kontra l-akkuzat anke fi grad ta' Appell.

"**Ilment taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

"L-esponenti gie mghoddi guri fuq l-ghazla tal-Avukat Generali li seta' jibghatu jew quddiem Qorti tal-Magistrati jew quddiem il-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti. Quddiem il-Qorti Kriminali l-piena minima stabbilita hija ferm u ferm gholija kif ukoll il-piena massima. Hekk jipprovdi l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101. Ikun kemm ikun ta' kunxjenza l-Avukat Generali, fil-process hu avversarju, anzi huwa protagonista kontra l-akkuzat. Decizjoni tieghu torbot anke lill-Qorti li ma tistax tinzel mill-piena minima, fil-waqt li taghtiha latitudni kbira lejn il-piena massima. Dan ifisser li qabel jibda l-process, u mhux fuq bazi ta' regola tal-ligi u

kriterji tal-ligi, l-Avukat Generali, avversarju, jaghmel a binding judgment. Jorbot lill-Qorti wkoll. Mela hemm fazi fil-proceduri li ma jhallux li kollox ikun quddiem "Qorti imparzjali u independenti."

"Dan hu kontra l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

"**<u>Ilment dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokol</u>**

"L-esponenti gie kkundannat li kull proprjeta` tieghu mobbli jew immobbli, anke dik li m'ghandhiex x'taqsam mar-reat, tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

"Illi skond l-Att tal-akkuza huwa gie misjub hati ghall-granet ta' qabel is-27 ta' Dicembru, 2001 (ghalkemm is-sentenza tghid 27 ta' Dicembru, 2006) kellu fil-pussess tieghu d-droga hekk imsejha *ecstasy*.

"Il-konfiska li giet ordnata ma tapplikax ghal meta huwa kien ghamel reat, imma anke ghal zminijiet ohra li fihom lanqas kellu ombra ta' akkuza li ghamel xi haga.

"Il-ligi kif inhi tordna l-konfiska tal-proprjeta`, *pero*` tali piena ma tistax testendi ghall-fatti li graw qabel l-allegat reat, altrimenti din tkun estenzjoni u interpretazzjoni estensiva tal-Ligi Penali billi qieghda tipprova tilhaq taht kundanna penali fatti li huma antecedenti, anke ghall-akkuza, b'mod li l-piena qed tigi estiza rragonevolment u llegalment.

"Jirrizulta manifest illi l-esponenti kien jahdem anke mis-sentenza, kellu barriera, u kellu vetturi. Minn relazzjoni li kien hemm fil-process tal-assi li kellu, jirrizulta li kellu vetturi li kienu gew akkwistati ferm u ferm qabel it-terminu msemmi fl-akkuza.

"Illi dik ma kinitx proprjeta` li gejja mir-reat, u konsegwentament ma kienitx imniggsa b'tali reat. Barra minn hekk kienet tappartjeni wkoll lill-komunjoni tal-

akkwisti ma' martu, u martu ser tigi tkun ikkundannata wkoll ghal piena ta' reat li qatt m'ghamlet.

Illi tali konfiska ghall-oggetti u proprjeta` li mhux imdahhla fl-ambitu tal-akkuza huma esproprijazzjoni li mhix skond il-ligi, u jekk il-ligi Maltija taghmel dan legali, dan mhux legali fis-sens tal-konvenzjoni Ewropeja.

"**<u>Ezawriment ta' rimedji</u>**

"L-esponenti jaghmilha cara li ma hemm l-ebda rimedju iehor hlief din il-kawza Kostituzzjonali. Huwa s-soltu li Avukat Generali jirrispondi li din il-Qorti mhix Qorti tar-Raba' Grad, u ma tikkunsidrax Appell mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan huwa zbaljat ghaliex taht il-konvenzjoni Ewropeja s-sentenzi li jinghataw fuq l-Artikolu 6, fuq l-Artikolu 7, u fuq t-2 Artikolu tas-7 Protokoll kollha kienu jirrigwardaw li saru finali fil-pajjiz ta' l-origini. Kieku ma kienx hekk dawk is-sentenzi m'ghandhom l-ebda sinjifikat ghaliex ifisser li wiehed ikollu joqghod ghad-decizjoni finali fil-mertu fil-Gurisdizzjonijiet Nazzjonali.

"L-esponenti jixtieq jghid ukoll illi huwa ilu taht arrest preventiv u anke beda jiskonta l-piena, minkejja li dejjem irritjena lilu nnifsu bhala mhux hati tal-fatti allegati kontra tieghu u dak illi dejjem sostna bhala li kien estraneu ghal dawn il-fatti tibqa' l-verita` kollha kemm hi. huwa bl-ebda mod ma qatt dahal b'negozju ta' xi forma ta' droga jew anke hu stess abbuza minn xi droga.

"Illi inoltre l-provi li saru fl-istess process, specjalment dwar x'kellu f'idejh f'ritratt li ghamlu l-pulizija u jekk kienx roll ta' toilet paper jew inkella borza, kien fattur determinanti hafna li fuqu huwa ghadu jsostni, ghaliex minkejja li saru xi perizji, ma kien hemm bl-ebda mod safe li wiehed jigi kkundannat ghal hmistax-il sena habs fuq element illi lanqas kellu ebda certezza fih u li huwa jsostni sal-lum illi huwa zbaljat. Ghalhekk qieghed jaghmel din il-kawza halli jkun jista' jottjeni rimedju li effettivament iwassal ghal decizjoni gusta dwar l-akkuzi ta' kontrieh.

"TALAB bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara li fuq il-fatti esposti u dawk li jigu ppruvati, li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 2 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikolu 7 tal-istess Konvenzjoni, u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni u tal-artikolu 6(1), prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 (u b'digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Gunju, 2009, giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens li flok in-numri u kliem "22(2) tal-Kap. 101" jidhlu l-kliem u numri "120A(2) tal-Kap. 31") jivvjola l-konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem b'referenza ghall-artikolu 6.

"2. Illi taghtih rimedju effettiv, inkluz dik tat-thassir tad-dikjarazzjoni ta' htija u li tordna r-ri-ezami mill-gdid tal-provi halli ssir gustizzja;

"3. Illi kull proprjeta` antecedenti anke ghall-akkuza tigi liberata favur tieghu u martu;

"4. Illi jinghata kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet hawn fuq imsemmija.

"Rat ir-risposta tal-avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi preliminarjament l-esponent se jkollu forsi jkun prevedibbli u jissolleva l-eccezzjoni li din l-Onorabbli Qorti m'hijiex Qorti tal-Appell ohra. L-esponent bl-ebda mod mhu qed jippretendi li l-agir tal-Qrati tal-Appell mhuwiex sindakabbli kostituzzjonalment. *Pero`*, lanqas ma jidhirlu li jkun korrett li, sepliciment ghax ir-rikorrent fil-kaz odjern jidhirlu li ma kellux jinstab hati, jipprova jerga' jidhol fil-mertu tal-proceduri kontrih u jivventila l-fatti tal-kaz bl-iskuza ingenjuza li l-Qorti tal-Appell Kriminali illedietlu d-drittijiet fundamentali minhabba li ma qiesetx il-fatti. Apparti li ezami tas-sentenza in kwistjoni ghandu jindika li dan mhux minnu, l-esponent jidhirlu in oltre li tentattiv ta' dan it-tip min-naha tar-rikorrent jimmerita li jigi respint mill-bidu nett.

"**<u>Ilment taht Protokoll 7, Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.</u>**

"It-tieni artikolu tas-Seba' Protokoll jghid dan li gej:

"1. Kull min jinstab hati ta' reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' htija jew dik is-sentenza jigu rivisti minn tribunal oghla. L-ezercizzju ta' dan id-dritt, inkluzi r-ragunijiet abbazi ta' dak l-ezercizzju, ghandhom ikunu regolati bl-ligi.

"2. Dan id-dritt jista' jkun suggett ghal eccezzjonijiet dwar reati ta' xorta mhux kontravvenzjonali, skond ma jkunu preskritti bil-ligi, jew f'kazijiet li fihom il-persuna involuta tkun giet ipprocessata fl-ewwel istanza mill-oghla tribunal jew tkun instabet hatja wara appell kontra l-liberazzjoni."

"Skond van Dijk u van Hoof,[1]

"As is made clear in the second sentence of the first paragraph, the exercise of this right of appeal shall be governed by law. In other words, the modalities of the review are left for determination by domestic law."

L-artikolu 2 tas-7 Protokol jitkellem dwar li sejbien ta' htija jew sentenza "jigu rivisti minn tribunal oghla". Dan donnu jindika li dak li r-rikorrent jirreferi ghalih bhala "sempliciment review" huwa fil-fatt dak li jidher li ai termini tal-ligi hu mistenni mill-Qorti tal-Appell.

"Illi izda apparti dan il-punt, fi kwalunkew kaz it-tip ta' 'review' li jrid isir huwa mholli f'idejn il-ligi domestika. Ir-rikorrent jaghmel referenza ghall-artikolu 501 tal-Kap. 9, liema artikolu l-esponent qed jirriproduci *verbatim* ghall-facilita' ta' referenza. L-artikolu 501 jghid:

"**501.** (1) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta' htija mill-persuna misjuba hatja l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tilqa' l-appell –

[1] Theory and Practice of the European Convention on Human Rights.

"(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; jew

"(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarita` matul il-kawza. Jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:"

"Izda l-Qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu *(b)* jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja."

"L-artikolu 501 jitlob li l-Qorti taghmel ezami tal-fatti; *pero`* ma jghid xejn dwar x'tip ta' skrutinju trid taghmel. Huwa car li bhall-Qorti tal-Appell Civili il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax tissostitwixxi lilha nfisha ghall-ewwel Qorti billi terga' tniedi l-proceduri bhallikieku kienet Qorti tal-ewwel Istanza. Fil-fatt, il-Qorti hija diretta mill-Kodici Kriminali sabiex ma tippermettix li titressaq xhieda hlief jekk tkun sodisfatta li tali xhieda ma gietx migjuba fil-kawza u li, izda, hemm spjegazzjoni ragonevoli ghan-nuqqas biex tigi hekk migjuba.

"Illi inoltre l-procedura tal-guri f'Malta, li hija immudellata fuq dik Anglo-Sassona, hija wahda specjali u tiddependi ghall-effikacita` taghha proprju mill-fatt li d-decizjoni fuq il-fatti ma tittiedhedx minn magistrat jew imhallef izda minn rapprezentanti tas-socjeta`. Ghalhekk, il-Qorti tal-Appell Kriminali, filwaqt li tevalwa l-korretezza tad-decizjoni mittiehda u tifliha ghal kwalunkwe zbalji li setghu ittiehdu matul il-process tal-guri, inkluz ovvjament in konnessjoni mil-fatti tal-kaz, trid ukoll izzomm prezenti quddiem ghajnejha in-natura partikolari tas-smigh permezz tal-gurija.

"Illi r-rikorrent jilmenta li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tezaminax il-fatti imma tqis biss jekk il-gurati "setghux jaslu" ghall-verdett li taw. Izda biex il-Qorti tara dan trid bilfors tqies il-fatti li hargu waqt il-guri u tezaminahom. Altrimenti m'huwiex possibli li l-Qorti tikkonkludi jekk il-

gurati setghux jew le jaghtu l-verdett li taw. Ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrent f'dan is-sens hija bla bazi.

"Illi m'huwiex minnu dak li jallega r-rikorrent li jekk f'guri tkun ingiebet xi tip ta' prova kontra l-akkuzat il-Qorti tal-Appell tbaxxi rasha u taccetta l-verdett. Fis-sentenzi li taghti l-Qorti in kwistjoni dejjem tara jekk l-akkuzat setghax jinstab hati jew le fuq il-provi migjuba, u jekk dawn ikunu karenti u ma jiggustifikawx sejbien ta' htija hija se tintervjeni. Izda l-Qorti tal-Appell Kriminali m'ghandhiex tkun mistennija li tissostitwixxi kompletament l-opinjoni taghha ghal dik tal-gurija galadarba ma tasalx biex tikkonkludi li ghamlu apprezzament hazin tal-fatti. Lanqas l-istess Imhallef li jippresiedi l-guri u jkun qed jisma' l-provi hu stess ma jista' skond il-procedura applikabbli ghall-gurijiet, jissostitwixxi l-gudizzju tieghu ghal dak tal-gurati ahseb u ara kemm jaghmel sens li dan isir minn Qorti ta' Sekonda Istanza.

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet konxja mid-doveri taghha u fil-fatt fittxet ghal gwida anke 'lil hinn mill-Gzejjer taghna. Skond *Blackstone's Criminal Practice* (2004), ikkwotat b'enfasi mill-istess Qorti, din hija l-pozizzjoni Ingliza fir-rigward:

"“**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'.**”

"Sabiex tfittex konfort anke fil-gurisprudenza lokali, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet ukoll ghal dak li ntqal fis-

sentenza moghtija mill-istess Qorti f'ismijiet ***Ir-Repubbblika ta' Malta*** *vs* ***Ivan Gatt*** fl-1 ta' Diċembru, 1994. F'dak il-kaz il-Qorti kien intqal hekk:

**"“Fi kliem iehor, l-esercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment jkun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”**

"Fl-evalwazzjoni tal-kaz il-Qorti ikkonkludiet li

"“Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatti gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha fl-assjem taghhom. Irid jigi sottolineat illi l-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha.”

"Kompliet tosserva li:

"“13. Minn dan kollu huwa evidenti li s-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux il-verzjoni li l-appellant ta' waqt il-guri ghax hemm cirkostanzi u provi ohra li huma kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

“14. Ghalhekk is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabbilita` l-gurati kellhom ragonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni.”

"L-esponent josserva li **<u>ma hemm ebda gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li jaf biha hu illi tikkonstata li</u>**

**<u>proceduri identici ghal dawk li ghadda minnhom ir-rikorrent jilledu dan l-artikolu tas-7 Protokoll jew addirittura xi dritt fundamentali iehor milli qed jirreferi ghalihom ir-rikorrent.</u>** Ghalhekk, l-esponent ma jidhirlux li hemm bazi valida ghal dan l-ilment.

"**<u>Ilment taht l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijet tal-Bniedem</u>**

"Illi mhuwiex minnu li fl-appell kriminali l-akkuzat ghandu xi zvantagg. Sabiex tkun tista' tara jekk il-provi fattwali migjuba kinux jiggustifikaw is-sejbien ta' htija tal-akkuzat, il-Qorti jkollha bilfors tissorreggi l-principju tal-innocenza tal-istess akkuzat ghax inkella l-Qorti ma tkunx tista' twettaq xogholha. Izda li l-process kriminali jerga' jigi skrutinizzat ma jfissirx li l-Qorti ghandha tinjora l-verdett li nghata, ghax dak huwa fatt storiku u jrid jigi meqjus, anke jekk ma jorbotx lill-Qorti li bilfors trid timxi fuqu.

"Illi ghalhekk ma kien hemm ebda pregudizzju kontra r-rikorrent u anke dan l-ilment mhux gustifikat.

"**<u>Ilment taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni</u>**

"Illi l-fatt li l-Avukat Generali jista' jaghzel quddiem minn jipprocessa l-akkuzat, apparti li tohrog mil-ligi, ma jfissirx li l-Avukat Generali qed jigi b'daqsekk konvertit f'imhallef. Jekk wiehed jara x'kellhom xi jghidu l-guristi dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Qrati, dawn qatt ma kkonsidraw funzjoni bhal dik li minnha qed jilmenta r-rikorrent bhala li tilledi l-artikolu 6, u dwar dan ghandhom ukoll is-sostenn tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja.

"Il-qofol tal-kwistjoni hu li fil-verita` l-Avukat Generali m'ghandu ebda kontroll fuq jekk akkuzat jinstabx hati jew le, ghax dik id-decizjoni ma tinsabx f'idejh. Diversa kienet tkun il-pozizzjoni kieku l-Avukat Generali kellu taht il-ligi taghna xi dritt li jippartecipa imqar marginalment fid-determinazzjoni tal-htija o meno tal-akkuzat.

"**<u>Ilment dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll</u>**

"Illi l-artikolu 7 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami billi jirrigwarda l-fatt li persuna jinstab hati ta “att jew ommissjoni” li “ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali … fil-hin meta jkun sar”, jew ghall-ghoti ta’ “piena akbar minn dik li kienet applikabbli meta r-reat kriminali jkun sar”. Fil-kaz odjern ma hawn ebda kwistjoni ta’ ligi retroattiva li giet applikata sabiex jigi kkundannat bhala illegali att li twettaq qabel ma’ tali ligi dahlet fis-sehh. Il-konfiska li minnha jilmenta r-rikorrent hija ibbazata fuq ligi li kienet ezistenti fil-mument li nstab hati u gie kkundannat ir-rikorrent, u li bhala konsegwenza taghha sar l-att ta’ konfiska. Ghalhekk, ma kien hemm ebda retroattivita` kundannabbli taht l-artikolu 7.

"Ghar-rigward tal-ewwel Artikolu, Harris, O’Boyle u Warbrick[2] jghidu s-segwenti:

"“*Even penal confiscations might be explained as being in the public interest. In such a case, the most an applicant would be able to establish would be a lack of due process if the deprivation were decided to be in the determination of a criminal charge against him and Article 6 were not satisfied.*” Fi kliem iehor, anke hawnhekk ir-rikorrent qed ihabbat bieb b’iehor, ghax l-ilment li qieghed jaghmel dwar il-konfiska tal-proprjeta` tieghu jista’ jitressaq biss taht l-artikolu 6 u dan stante n-natura partikolari tat-tehid in kwistjoni, i.e. konfiska wara sentenza ta’ Qorti. "

"**<u>Konkluzjoni</u>**

"Illi finalment ta’ min josserva li r-rikorrent mhux qed jattakka l-kostituzzjonalita’ ta’ xi wahda jew ohra mil-ligijiet applikabbli ghall-kaz in ezami. Ghalhekk, jekk din il-Qorti issib – minghajr ma tidhol fil-mertu tal-kaz – li kollox ma kollox jista’ jinghad li l-proceduri li ghalihom jalludi r-rikorrent imxew skond il-ligi, ghandha wkoll tasal ghall-konkluzjoni li l-ilmenti tieghu m’humiex sostenibbli."

---

[2] Law of the European Convention on Human Rights

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent jissottometti bir-rispett li din l-Onorabbli ghandha tichad l-ilmenti kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra tieghu.

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Hadet konjizzjoni tal-atti tal-proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikkorenti u li gew definiti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' April, 2008;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat

"Illi dawn huma proceduri li qed jittiehdu mir-rikorrenti wara li ghadda guri w instab hati ta' pussess tad-droga ecstasy f'cirkustanzi li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-kundanna u l-piena li nghatat mill-Qorti Kriminali gew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza taghha ta' l-24 ta' April, 2008.

"L-ilmenti tar-rikorrenti huma fil-qosor, tlieta principali:

i. Id-decisjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tirrivedix jew ma tiddisturbax il-verdet tal-gurati;
ii. L-ghazla f'idejn l-Avukat Generali dwar kif u quddiem liema Qorti r-rikorrent jigi biex ikun processat;
iii. L-ordni tal-Qorti li tigi kkonfiskata l-proprjeta` tieghu.

"Trattat l-ewwel aggravju, r-rikorrent jissottometti li ghalkemm il-ligi Maltija taghti dritt lill-kull akkuzat li jinstab hati mill-Qorti Kriminali li jappella quddiem il-Qorti tal-Appell fit-termini tal-artikolu 500 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta), l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali qed taghti lill-poteri taghha u li applikat f'dan il-kaz, jimilitaw kontra l-effettivita ta' dan id-dritt. Dan jinghad ghax, bhala principju, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li tkun ezaminat ix-xhieda u l-atti tal-

process kriminali ssib li l-gurati raggonevolment setghu jaslu ghal-dikjarazzjoni ta' htija ma tiddisturbax dik il-konkluzzjoni u ma tippruvax tara jekk hi kienetx tasal ghall-konkluzzjoni differenti.

"L-artikolu 501 (1)(a) tal-Kodici Kriminali jghid li l-Qorti tal-Appell ghandha tilqa' l-appell jekk jidhrilha li l-akkuzat appellant "kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza". It-tendenza gurisprudenzjali tal-Qrati tal-Appell Kriminali hi li jekk issib li fuq il-fatti li kellha quddiemha, id-dikjarazzjoni ta' htija tal-gurati kienet kompatibbli mal-fatti u wahda li ragonevolment setghu jaslu ghaliha, allura l-akkuzat ma jkunx gie misjub "hati hazin", u d-decizjoni tigi kkonfermata. Ir-rikorrent jallega li din hi nterpretazzjoni hazina tal-ligi u l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tuza l-gudizzju taghha biex tiddeciedi HI jekk ghandux jinstab hati jew le. La darba dan l-ezercizzju ma sarx fil-kaz tieghu r-rikorrent qed jallega li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu taht l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikoli 2(1) tal-Protokoll numru 7 ghall-istess Konvenzjoni. Fil-kuntest ta' interpretazzjoni ta' ligi partikolari l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali f'sentenza ricensuri moghtija fl-20 ta' Frar, 2009, fil-kawza "Muscat et vs Dingli et" ghamlet is-seguenti osservazzjoni:

"*"Huwa principju elementari* tal-*ermenewtika legali li meta Qorti "tinterpreta" ligi – fejn tali interpretazzjoni tkun mehtiega – hija ma tkun qed taghmel xejn aktar milli tiddetermina s-sinjifikat veru u l-portata vera ta' dik il-ligi. Fi kliem iehor, il-Qorti ma tkunx qed taghmel hi l-ligi (bhalma jista' jkun il-kaz, ghall-anqas fit-teorija, f'gurisdizzjonijiet hekk imsejha common law) izda semplicement ticcara l-ligi, li pero` tibqa' dik li hi. Kien f'dan is-sens li l-ewwel Qorti rrimarkat li "l-mod kif ir-rikorrenti impostat ir-rikors taghha m'huwiex wiehed ortodoss ghall-ahhar". L-ewwel aggravju* tal-*appellanti, apparti li ma jiccentra xejn dwar il-veru meritu tal-vertenza odjerna, juri semplicement li l-appellanti qed tipprova taqbad mat-tiben – biex wiehed juza espressjoni Ingliza tradotta ghall-Malti – fi sforz biex taghti sembjanza ta' sustanza lill-appell taghha. Huwa minnu li huwa possibbli*

*li jekk Qorti taghti interpretazzjoni stralunata ta' xi dispozizzjoni tal-ligi – b'tali mod li tkun qed tivvinta l-ligi – dik is-suppost "interpretazzjoni" tista' tkun, wahedha u fiha nnifisha, lesiva tad-dritt (fondamentali jew xort'ohra) ta' parti jew ohra f'kawza. Ghalhekk dak li juwa verament importanti f'din il-kawza huwa jekk fil-fatt kienx hemm, da parti tal-Qorti* tal-a*ppell (fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Frar, 1997) xi interpretazzjoni simili."*

"Wiehed irid jara, allura, jekk l-interpretazzjoni li f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-poteri tieghu hi daqshekk "stralunata" li twassal ghall-ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti.

"Din il-Qorti ma tarax li l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija ngusta jew hazina u lanqas ma tara, dak li hu importanti ghall-fini ta' dawn il-proceduri, li tikser xi wiehed mill-jeddijiet lamentati mir-rikorrent.

"L-ewwelnet, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jaghti ebda dritt ta' appell lil min ikun instab hati wara process kriminali. Kif jinghad fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4th Ediz. 2006 pagna 564) *"the right of appeal to a higher court is not laid dawn, and is also not implied in article 6 para. 1. Pero`*, jkomplu jghidu l-awturi ndikati, *" if appeal is provided for and has been lodged, and the court in that instance is called upon to make a "determination", article 6 para. 1 applies"*. Dan ma jfissirx, *pero`*, li meta jinghata dritt ta' appell, il-Qorti tal-Appell trid bilfors tassumi s-setgha li tiddeciedi l-kas ex novo. Is-setghat tal-Qorti tal-Appell jistghu jkunu limitati anke biss biex jsir review ta' punti ta' ligi involuti fil-kas ghax sta ghal-istat jiddetermina x'poteri jaghti lil dik il-Qorti ta revizzjoni, u sta imbaghad ghal dik il-Qorti li tinterpreta l-poteri moghtija lilha kif thoss li hu gust u jkun fl-ahjar interess tal-gustizzja. Dak li hu importanti hu li jekk jinghata dritt ta' appell, l-access ghal dak ir-rimedju ma jigix mxekkel b'mod disproporzjonat. Il-livell ta' stharrig mill-Qorti tal-Appell jista *pero`* jkun wiehed limitat, u dan bl-ebda mod ma jwassal ghal xi telf ta' dritt da parti tal-akkuzat.

"Lanqas ma jista jinghad li bl-interpretazzjoni tal-poteri tieghu bil-mod indikat il-Qorti tal-Appell tkun qed iccahat lill-akkuzat mid-dritt ghal prezunzjoni tal-innocenza tieghu fit-termini tal-artikolu 6(2) tal-konvenzjoni. Fil-ktieb ta' <u>Van Dijk et</u> aktar qabel kwotat (Ibid. pagna 625), intqal li,

"*"In the Minelli Case the second paragraph was defined by the Court in the sense that this provision has been violated if "without the accused's having previously been proved guilty according to law and notably, without his having had the opportunity of exercising his rights of defence, a judical decision concerning him reflects an opinion that he is guilty." A reasoning by which it is only suggested that the person in question is guilty is already sufficient for such a violation."*

"Issa, f'dan il-kaz, mhux biss il-kaz jigi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-akkuzat ikun diga "proved guilty according to law", izda, fuq kollox, bl-ebda mod ma jista' jinghad li l-interpretazzjoni tal-poteri taghha jgibu fix-xejn din il-*prezunzjoni* ta' innocenza. Li jigri, kif intwera, hu li dik il-Qorti tezamina l-fatti kif tpoggew ghall-konsiderazzjoni tal-gurati u jekk tara li l-akkuzat ma kellux jinstab hati, tilliberah. Jekk, min naha l-ohra, tara li kien hemm bizejjed evidenza li fuqkom il-gurati setghu jaslu ghal dikjarazzjoni ta' htija allura tikkonferma dik id-decizjoni. Wiehed irid ifakkar li l-akkuzat ikun ghadda procedura kriminali quddiem il-Qorti Kriminali komposta minn Imhallef u disa' gurati, u dawn ghandhom l-oneru principali li jistabilixxu l-htija o meno tal-akkuzat. Il-kompitu tal-Qorti tal-Appell hu biex <u>tirrevedi</u> dak il-process, u mhux li terga' taghmel il-process ("trial") hi. L-akkuzat jidher quddiemha bhala persuna li nstab hati, u xoghol il-Qorti tal-Appell hu dak li tara li l-akkuzat ikun inghata process gust u b'rispett ghad-drittijiet tieghu, fosthom li gie rispetat id-dritt tieghu ghall-*prezunzjoni* tal-innocenza. Il-poter tal-Qorti tal-Appell mhux li tiggudika mill-gdid lill akkuzat, izda li tara li kellu process gust u li ma nstabx hati "hazin".

"Kif intwera persuna akkuzata b'reat m'ghandhix dritt tinsisti li tkun <u>ipprocessata darbtejn</u>. Il-Konvenzjoni

Ewropeja tinsisti fuq process wiehed li jkun gust u b'rispett ghad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat. Il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell hu biss li tirrivedi dak il-process u mhux li terga tiggudika lill-akkuzat. Dan hu konformi ma dak li trid il-Konvenzjoni Ewropeja, u bl-ebda mod ma qed jigu ppregudikati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, specjalment dik ghall-*prezunzjoni* tal-innocenza.

"L-artikoli 2(1) tas-7 Protokoll jaghti dritt ta' review, dak li hu gia koncess mil-ligi Maltija. Kif *pero`* jigi esercitat dak id-dritt, l-istess Protokoll ihalli f'idejn l-istati membri. Fl-istess ktieb ta' Van Dijk et (Ibid. pagna 973) jinghad a propozitu li

"“A*s is made clear in the second sentence of the first paragraph, exercising this right of appeal shall be governed by law. In other words, the modalities of the review are left for determination by domestic law. The Explanatory Report adds to this that the review may either concern a review of findings of facts and questions of law, or be limited to questions of law. According to the Court in the Krombach Case, states have a wide margin of appreciation to determine how the right secured by Article 2 of Protocol No. 7 to the Convention is to be exercised. The Court set forth that “thus, the review by a higher court of a conviction or sentence may concern both points of fact and points of law or be confined solely to points of law. Any restrictions contained in domestic legislation on the right to a review guaranteed by this provision must, by analogy with the right of access to a court embodied in Article 6 para. 1 of the Convention, pursue a legitimate aim and not infringe the very essence of that right.” It may be deduced from this that the Court will not accept a restricted form of review of questions of law which cannot result in an annulment or alteration of the conviction or sentence concerned as sufficient.”*

"L-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali ghall-poteri taghha bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu li jiznaturaw dak li tipprovdi l-ligi fit-Titolu V tal-Kodici Kriminali. Bl-ebda mod ma jista' jinghad li dik il-Qorti mhux qed tkun fidilha ghat-test tal-ligi jew li qed tirristringi d-dritt ta' review

moghti bl-artikolu 2(1) tas-7 Protokoll, meta tqies li d-dritt hu ta "review" u mhux li jigi processat ghat-tieni darba. Kif jinghad fil-ktieb "Administrative Law" ta' Wade & Forsyth (7th Edition 1994 pagna 39),

"*"judical review is the exercise of the court's inherent power to determine whether action is lawful or not and to award suitable relief. The court on review is concerned only with the question whether the act or order under attack should be allowed to stand or not".*

"Kwindi l-ezercizzju tal-poter moghti lill-Qorti tal-Appell Kriminali hu zgur konformi mad-dritt ta' review koncess fl-artikolu 2(1) tas-7 Protokoll.

Fuq kollox il-poteri tal-Qorti tal-Appell Kriminali mhux daqshekk restrittivi kif donnu jrid ipingihom ir-rikorrent. Kif osservat dik il-Qorti fis-sentenza ricensuri taghha fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Magri", deciza fis-6 ta' Mejju, 2009,

"*"Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."*

"Fi Blackstone's Criminal Practice 2004 naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

"*"The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):*

*‘[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognize the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court’s powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.*

*However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against convictions if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it’.”*

"Dawn huma l-kriterji li qed jigu segwiti mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li anke gew segwiti f’dan il-kaz kif jidher anke mill-gurisprudenza kopjuza li ghaliha dik il-Qorti ghamlet riferenza, kriterji li fil-kuntest tad-drittijiet tal-akkuzat jwasslu ghall-process shih li hu wiehed gust u fit-termini tad-drittijiet fondamentali tieghu.

"Wiehed jista jaqbel jew ma jaqbilx mal-mod kif il-Qorti tal-Appell Kriminali tezercita l-funzjoni taghha fit-termini tal-Kodici Kriminali *pero`*, li hu zgur hu li hi qed tezercita dak il-poter konformi ma dak provdut fl-artikolu 2(1) tas-7 Protokoll ghal-Konvenzjoni Ewropeja, u mhix qed tirfes fuq id-drittijiet tal-akkuzat sanciti bl-artikoli 6(1) u (2) tal-istess konvenzjoni.

"Trattat issa t-tieni aggravju tar-rikorrent, dak rigward il-poter tal-avukat Generali li jaghzel jekk persuna akkuzata taht l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), jitqieghedx taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jew quddiem il-Qorti Kriminali, fit-termini tal-artikolu 120A(2) tal-imsemija ligi, din il-Qorti tirrileva li kwistjoni simili giet dibattuta minn din il-Qorti u mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Ellul vs Avukat Generali" deciza min din l-ahhar Qorti fis-27 ta' April, 2006.  F'dik il-kawza kemm din il-Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabu li l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 li hu simili ghall-artikolu 120A(2) in kwistjoni, ma jiksirx l-artikolu 6 u 7(1) tal-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.  Il-gudikant sedenti kien hu li kien jippresjedi din il-Qorti fil-kawza fuq imsemmija u ghadu jsostni t-tezi li dak l-artikolu li jhalli f'idejn l-Avukat Generali l-ghazla dwar kif u fejn jakkuza lill-persuna b'reat taht dik l-Ordinanza, ma jmurx kontra d-drittijiet tal-akkuzati fil-kaz.  Ma ssib xejn fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tar-rikorrenti li jipperswadiha tbiddel din l-opinjoni.  L-Avukat Generali hawn Malta per ezempju ma jinvestigax hu c-cirkostanzi tal-allegat reat u l-anqas jista johrog 'detention order', kif inhi l-funzjoni tad-District Attorney fil-kaz "Huber vs Switzerland", li ghaliha ghamel ampia referenza r-rikorrent fin-Nota tieghu, u kwindi d-decisjoni tal-Qorti Ewropeja f'dak il-kaz mhux daqshekk rilevanti ghas-sitwazzjoni lokali.

"A skans ta' ripetizzjoni inutili din il-Qorti taghmel referenza ghal, u tadotta ghal-fini ta' din il-kawza il-motivazzjoni ta' din il-Qorti u ta' l- Onorabbli Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawza, u ghall-istess ragunijiet tara li dan l-ilment tar-rikorrent huwa infondat.

"Bit-tielet ilment tieghu, ir-rikorrent jsostni li l-konfiska li saret ta' gidu, bhala penali wara li nstab hati, jikser l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll ghall-istess Konvenzjoni.  L-ordni ta' konfiska saret bis-sahha tal-indikat Kap. 31, li jipprovdi li meta

persuna tinstab hatja ta wiehed mir-reati msemmija fl-artikolu 120A(2A) tal-istess Ordinanza, il-Qorti ghandha, b'zieda ma kull piena ohra,

"*"tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli ohra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjeta` immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

" (Ara artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 li japplika ghalih l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101)

"Ir-rikorrenti jilmenta Ii minhabba l-ordni li nghatat fil-kaz tieghu hu gie mcahhad mill-proprjeta` tieghu bla ebda kumpens u di piu` gie mcahhad minn proprjeta` li ma kellha x'taqsam xejn mar-reat li tieghu nstab hati.

"Ta' min isemmi li dan il-provediment tal-ligi kien jezisti meta sehh ir-reat li bih gie akkuzat ir-rikorrent, u kwindi mhux kaz ta' im*pozizzjoni* ta' piena li ma kienetx tezisti fiz-zmien li sehh l-allegat reat; kwindi l-artikou 7(1) tal-Konvenzjoni ma jistax jitqies li gie miksur. In oltre, fil-waqt li l-ewwel artikolu tal-Protokoll jipprojbixxi t-tehid ta' proprjeta` hlief fl-interess generali u skond il-ligi, jeskludi espressament l-applikazzjoni tieghu f'kaz ta' penalitajiet jew pieni imposti bil-ligi. L-istat fi kliem iehor, jista jipprovdi ghat-tehid tal-proprjeta` <u>bhala piena</u>, basta, ovjament, skond il-principji generali tad-dritt, dik il-"piena" tkun relatata mar-reat kommess.

"Issa, f'dan il-kaz, ir-rikorrent jilmenta li hu gie mcahhad minn proprjeta` li ma kelliex x'taqsam mar-reat li tieghu gie akkuzat u minn proprjeta` li kienet tieghu qabel iz-zmien li fih sehh ir-reat li tieghu gie akkuzat. Ghal dan l-ilment, *pero`*, il-ligi stess li ordnat il-konfiska tipprovdi rimedju. Il-ligi trid li jigu kkonfiskati biss il-proprjeta` marbuta mar-reat, tant li l-artikolu 22C tal-istess Kap. 101 (applikabbli ghall-Kap.v31 bl-artikolu 120A(2B)) jipprovdi dan ir-rimedju:

"*"(1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A)* tal-a*rtikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjeta` jew kull proprjeta` mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn Qorti tal-Gustizzja Kriminali) lanqas proprjeta` akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.*

*(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva."*

"Kwindi, jekk ir-rikorrent deherlu li giet konfiskata proprjeta` li "ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil" tar-reat li tieghu instab hati, seta facilment ressaq talba lill-Qrati ordinarja ghar-rilaxx ta' dik il-proprjeta`. L-artikolu 22D tal-istess Ordinanza, (applikabbli ghall-Kap. 31 bl-artikolu 120A(2B) tal-istess Kap. 31) fil-fatt jipprovdi li jekk tigi milqugha mill-Qorti talba simili,

"*"Dik il-proprjeta` ma tibqax konfiskata u tintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tas-sentenza meta din tkun finali u konkluziva, u ma' dan ir-rikorrent ikollu l-jedd li jiehu lura d-dhul ricevut mill-Gvern minn dik il-proprjeta` matul il-perjodu tal-konfiska taghha."*

"Kwindi ghat-tehid ta' proprjeta` allegatament, mhux marbuta mar-reat, u allura m'ghandhiex in-natura ta' "piena", hemm rimedju moghti mil-ligi ordinarja, u darba hu hekk, ma jidhirx li jkun ekwu li din il-Qorti tqies dak li sehh bhala li jikser xi dritt fundamentali tar-rikorrent (ara "Mifsud Bonnici vs Tabone noe", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru, 2002).

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti billi tichad l-istess bl-ispejjez kontra tieghu. "

**Appell tar-rikorrent**

Ir-rikorrent John Camilleri hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim Awla Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) u interpona appell minnha b'rikors prezentat fil-31 ta' Lulju, 2009.

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

Ilment taht Protokoll 7 tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li l-ligi taghna ma taghtix semplicement dritt ta' *review* lill-Qorti tal-Appell Kriminali imma riedet li jkun hemm appell fil-mertu u li jigu valutati l-provi indipendentement mill-verdett raggunt mill-gurati.

Ilment taht l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Dan l-aggravju jirrigwarda l-fatt li skond is-sistema legali Maltija bil-verdett tal-gurija jittiehed li giet stabbilita l-htija, ghalhekk il-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat tispicca mad-dikjarazzjoni tal-verdett.

Ilment taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

It-tielet aggravju ta' appellant jirrigwarda d-diskrezzjoni li ghandu l-Avukati Generali li jibaghat persuna quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn il-piena massima hija ta' 10 snin, filwaqt li jekk jibghat lil haddiehor quddiem guri l-piena massima hija ghomor.

Ilment dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll (A1P1).

Ir-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ordni li tigi konfiskata l-proprjeta` tieghu bla ebda kumpens u di piu` jigi mcahhad minn proprjeta` li ma kellha x'taqsam xejn mar-reat li tieghu nstab hati.

**Risposta tal-intimat appellat.**

L-intimat appellat jikkontendi li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

L-appellat isostni li fir-rigward tal-ewwel aggravju l-Qorti tal-Appell Kriminali mxiet ezatt ma' dak li ragonevolment jitlob minnha l-Artikolu 501(A) tal-Kap. 9 u ghalhekk kwalunkwe allegazzjoni tal-appellant li dik il-Qorti ma mxietx skond it-tifsira tal-ligi hija barra minn lokha.

Fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellat wiegeb li meta l-appell jigi intavolat skond il-ligi u fil-parametri stabbiliti mil-ligi, il-*prezunzjoni* tal-innocenza tibqa' tapplika fir-rigward tal-aggravji sollevati mill-appellant, ghax altrimenti ikun inutili li jsir l-appell.

Fir-rigward tat-tielet aggravju l-appellat jikkontendi li l-Avukat Generali ma jirregolax il-proceduri, u ma jiehu ebda decizjonijiet arbitrali waqt is-smigh tal-istess, u b'mod specjali m'ghandu ebda poter fejn jidhol is-sejbien ta' htija o meno tal-persuna akkuzata.

Rigward l-ahhar aggravju, l-appellat jghid li, apparti mill-fatt li l-artikoli tal-Konvenzjoni citati mir-rikorrent ma japplikawx ghal kaz in ezami, xorta wahda l-ligi tipprovdi rimedju lill-persuna soggetta ghall-proceduri ta' konfiska biex jigi assigurat li ebda proprjeta` ma tigi konfiskata li m'ghandhiex tkun hekk konfiskata. Dwar l-oneru tal-prova li jintefa' fuq il-persuna akkuzata, l-appellat isostni li hemm diversi pajjizi Ewropej li jhaddnu xi forma ta' bdil fl-oneru tal-prova f'kazijiet ta' reati serji bhal dak in ezami.

**Fatti mertu tal-kawza**

Illi l-appellant kien ghadda guri u nstab hati ta' pussess tad-droga ecstasy f'cirkustanzi fejn dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Il-kundanna u l-piena li nghatat mill-Qorti Kriminali gew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza taghha tal-24 ta' April, 2008. L-appellant imbaghad ipprezenta r-rikors kostituzzjonali odjern fejn jghid li s-sejbien ta' htija fil-guri u l-konferma tal-istess mill-Qorti tal-Appell Kriminali jilledulu diversi jeddijiet tieghu protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Konsiderazzjonijiet**

<u>Ilment taht Protokoll 7 tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.</u>

Dritt ta' Appell/ *Review*

Dwar dan l-ilment tar-rikorrent, l-ewwel Qorti ddecidiet li l-poter tal-Qorti tal-Appell Kriminali mhux li tiggudika mill-gdid lill-akkuzat, izda li tara li dan kellu process gust u li ma nstabx hati "hazin", ghalhekk l-ezercizzju li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali kien konformi mad-dritt ta' *review* koncess fl-Artikolu 2(1) tas-7 Protokoll u d-drittijiet tar-rikorrent sanciti bl-Artikoli 6(1) u (2) tal-istess Konvenzjoni ma gewx lezi.

L-appellant jilmenta li skond il-ligi taghna, l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tezamina mill-gdid il-fatti fil-mertu u mhux tiehu bhala punt ta' partenza l-verdett tal-gurati. Minflok, skond l-appellant, il-Qorti tal-Appell Kriminali segwiet il-gurisprudenza li *pero`* mhix fidila mal-kelma cara tal-ligi u l-Qorti ma ghamlitx l-indagini biex tohrog il-verita`. Isostni li l-Konvenzjoni Ewropeja ghamlitha cara, meta dahal fis-sehh is-seba' Protokoll, li ta dritt ta' appell jew *review,* li dan id-dritt kellu jkun konformi mal-ligi domestika. Jghid l-appellant ghalhekk li la l-ligi taghna taghti dan id-dritt ta' appell fuq punt ta' fatt (Artikolu 501(A) Kap. 9) allura jrid isir ezami mill-gdid tal-provi indipendentement mill-verdett.

L-intimat ikkontesta dan l-aggravju billi sostna li l-appellant qed jipprova b'din il-procedura jerga' jakkwista t-tieni

valutazzjoni tal-provi, xi haga li fis-sistema legali taghna mhix permissibbli, billi ma jistax ikun hemm it-tieni Qorti ta' Prim Istanza jew appell minn appell. Kompla li fis-sistema tal-guri, la hu l-kompitu tal-imhallef sedenti fil-guri u lanqas tal-Qorti tal-Appell Kriminali li jinterpretaw il-provi minflok il-gurati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tezercita l-gudizzju taghha billi terga' tirrevedi l-provi migjuba biex tara jekk dawn kinux konsistenti mas-sejbien tal-htija min-naha tal-gurija, izda dan il-gudizzju m'ghandux jestendi b'mod li juzurpa l-funzjoni tal-gurija.

L-appellant jilmenta li gie lez id-dritt tieghu taht l-Artikolu 2(1) tal-Protokoll 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

It-tieni artikolu tas-Seba' Protokoll jghid dan li gej:

1. Kull min jinstab hati ta' reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' htija jew dik is-sentenza *jigu rivisti* minn tribunal oghla. L-ezercizzju ta' dan id-dritt, inkluzi r-ragunijiet abbazi ta' dak l-ezercizzju, ghandhom ikunu regolati bil-ligi.

Fir-rigward tad-dritt ta' appell, il-Qorti Ewropeja qalet hekk: "Having regard, however, to the fact that in many Contracting States, higher instances take differing forms, this is subject to the rider that the way in which Article 6 applies will depend on the special features of the proceedings. This includes consideration of the functions, in law and practice of the appellate body, its powers and the manner in which the interests of the parties are presented and protected" (**Delcourt** u **Monnell and Morris** para. 56).

Il-Protokoll 7 imsemmi jitkellem dwar d-dritt li sejbien ta' htija jew is-sentenza jigu *rivisti* minn tribunal oghla u li dan it-tip ta''review' jigi mholli f'idejn il-ligi domestika.

Issa fil-kaz tal-ligi Maltija cioe` l-Kodici Kriminali, fl-Artikolu 501 hemm li:

(1) Fuq kull appell kontra dikjarazzjoni ta' htija mill-persuna misjuba hatja, l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tilqa' l-appell –

(a) jekk jidhrilha li l-appellant kien gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza: jew

(b) jekk jidhrilha li kien hemm irregolarita` matul il-kawza jew kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett:

Izda l-Qorti tista', minkejja li tkun tal-fehma illi l-punt imqajjem fl-appell skond il-paragrafu *(b)* jista' jkun deciz favur l-appellant, tichad l-appell jekk tqis illi ma saret ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja.

L-appellant qed jallega li meta gie mfassal dan l-artikolu l-Parlament Malti kellu f'mohhu li jkun hemm dritt ta' appell fil-mertu, u mhux semplici *review* u fejn l-Artikolu 501(A), jghid li l-akkuzat ikun gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza. Isostni ghalhekk li l-ligi Maltija ma taghtix semplici *review* bhalma taghti l-ligi Ingliza li fuqha giet bazata l-ligi taghna u li ghaliha ghamlet referenza l-Qorti tal-Appell Kriminali f'din il-kawza. L-appellant jikkontendi li l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali hija differenti minn dik li kellu f'mohhu l-legislatur Malti.

Jigi l-ewwelnett rilevat li ma tressqet ebda prova fil-process li hemm xi konflitt bejn dak li qed jigi allegat li ntqal fil-Parlament Malti[3] meta gie ntrodott l-artikolu 501 tal-Kap. 9 u l-interpretazzjoni li konsistentement inghatat mill-Qrati taghna. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti Kostituzzjonali li tiddeciedi x'ghandha tkun l-interpretazzjoni tal-Kodici Kriminali u jekk l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali dejjem tat dwar il-funzjoni taghha, hijiex gusta jew le (sakemm din ma tkunx xi wahda "stralunata") imma l-kompitu taghha huwa li tezamina jekk fil-proceduri li ghadda minnhom l-appellant inkisrux il-jeddijiet fundamentali tieghu u b'hekk gie gudikat hazin.

[3] Ara trattazzjoni orali tad-difensur tal-appellant.

L-Artikolu 501 jitlob li l-Qorti tal-Appell Kriminali taghmel ezami tal-fatti *pero`* ma jghid xejn dwar x'tip ta' skrutinju trid taghmel dik il-Qorti. Zgur *pero`* ma jghidx li ghandu jkun hemm guri iehor jew li l-akkuzat jigi processat it-tieni darba fuq l-istess fatti.

Hu risaput li skond prassi kostanti, il-Qorti tal-Appell ma tissostitwix lilha nfisha ghall-ewwel Qorti u terga' tisma' l-provi mill-gdid bhal li kieku kienet Qorti ta' Prim Istanza. Il-Kodici Kriminali ma jippermettix li jitressqu provi u xhieda godda quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali hlief jekk dik il-Qorti tkun sodisfatta li kien hemm spjegazzjoni ragonevoli ghaliex dik il-prova ma gietx migjuba quddiem il-Qorti Kriminali. Infatti l-Qorti terga' tisma' xhieda mill-gdid dejjem jekk ikun il-kaz (ara Artikolu 506 tal-Kap. 9 fejn jissemma li dak il-poter u hu deskritt bhala setgha supplimentari).

Il-kompitu tal-Qorti tal-Appell Kriminali huwa li taghmel valutazzjoni tal-korretezza tad-decizjoni li waslu ghaliha l-gurati u tezamina jekk kienx hemm xi nkorrettezzi li setghu saru matul il-process tal-guri, inkluz dawk konnessi mal-ezami tal-fatti tal-kaz. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ghalhekk mhux semplicement tinnota l-verdett moghti u tibqa' fuqu imma tezamina l-provi bil-kriterji tar-ragonevolezza u legalita`.

Ghalkemm generalment ma jergghux jinstemghu provi mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, dik il-Qorti, bil-ligi, trid bilfors tqis il-fatti li gew stabbiliti kif fil-fatt ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali dettaljatament. Hi ezaminat il-provi biex tara jekk il-gurati fuq dak li kellhom quddiemhom huma setghux ragonevolment jaslu ghall-verdett li waslu ghalih. Altrimenti jekk ma taghmilx hekk il-Qorti ma tkunx tista' tikkonkludi jekk il-gurati setghux jaghtu l-verdett li taw. Izda l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tistax tissostitwixxi kompletament il-fehma taghha ghal dika tal-gurija jekk ma tasalx biex tikkonkludi li l-gurati ghamlu apprezzament hazin tal-fatti. Meta wiehed iqis in-natura partikolari tal-procedura bil-gurija, anke l-istess Imhallef li jippresiedi l-guri, u jkun sema' l-provi, ma jistax

jissostitwixxi l-gudizzju tieghu ghal dak tal-gurati. Aktar u aktar ma tistax taghmel hekk il-Qorti tal-Appell.

Fil-fehma ta' din il-Qorti r-*review* li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali f'dan il-kaz kien konsonu ma' dak li jitlob l-Artikolu 2 tal-Protokoll 7 u l-ligi domestika ghalhekk ma hemm ebda lezjoni tad-dritt tal-appellant.

Ilment taht l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Prezunzjoni tal-innocenza.

Strettament marbut mal-ewwel aggravju tal-appellant hemm il-kwistjoni li fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-prezunzjoni tal-innocenza spiccat mal-verdett.

L-ewwel Qorti sabet li f'dan ir-rigward ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent sanciti bl-Artikoli 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni.

L-appellant hassu aggravat b'din id-decizjoni billi jikkontendi li skond is-sistema legali taghna l-verdett tal-gurija jittiehed bhala li giet stabbilita l-htija, ghalhekk meta huwa appella l-prezunzjoni tal-innocenza tispicca u dan hu kontra dak li tghid il-Konvenzjoni Ewropeja li l-Artikolu 6 ghandu japplika anke quddiem il-Qrati kollha nkluz fl-appell, la darba tinghata l-possibbilita` ta' appell.

Min-naha l-ohra l-intimat isostni li l-Konvenzjoni Ewropeja tippermetti l-istati membri jaddottaw il-procedura l-aktar adatta ghalihom basta din ma tikkonfliggix mad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

Skond l-awturi in materja[4], "*Where an appeal lies, the provisions of Article 6 generally will apply. However, there may be special features of the appellate body which will affect the way in which the guarantees apply*".

---

[4] (K. Reid: Guide to the European Convention of Human Rights 3rd Edit.,§IIA-044, pag. 101).

Kif gia` nghad f'din is-sentenza, il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huma ta' natura ta' *review* u mhux ta' appell fejn jerga' jinfetah il-mertu. Japplika ghalhekk dak li qalet il-Kummissjoni fil-kaz **Hugh Callaghan vs U.K.** Application No. 14739/89 li kien jirrigwarda s-sistema tal-guri fl-Ingilterra:
"*Presumption of innocence may cease to apply in appeal proceedings, due to the nature of those proceedings, after an accused has been convicted at first instance. It has therefore not been successfully argued that the Court of Appeal in England fails to comply with this requirement in the test which it applies in deciding whether or not to quash a conviction in light of new evidence*".

Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-Qorti tal-Appell Kriminali terga' taghmel l-ezami tal-fatti skond l-Artikolu 501 u tara jekk il-gurati fuq il-provi li gew stabbiliti quddiemhom setghux ragonevolment jaslu ghall-verdett li waslu ghalih, ma tistax tinjora l-verdett li nghata. Il-verdett ma jorbotx lill-Qorti tal-Appell Kriminali, u ghalhekk mhux bil-fors hi trid timxi fuqu, izda ma tistax ma tihdux in konsiderazzjoni bhala decizjoni li gia` nghatat. Imkien fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ma hemm li Qorti ta' Appell trid tinjora sentenza moghtija mill-ewwel grad u tagixxi daqs li kieku ma tezistix.

Inoltre l-fatt li l-Prosekuzzjoni fl-ewwel istanza tkun ippruvat il-kaz kontra l-akkuzat, ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni trid terga' tipprova mill gdid quddiem il-Qorti tal-Appell il-htija tal-akkuzat ghax dan jaghzel li jappella. Apparti hela ta' flus u hin, il-kuncett ta' appell b'hekk jispicca fix-xejn. Fil-Qorti tal-Appell Kriminali m'ghandux jerga' jigi kondott il-guri mill-gdid. Xoghol il-prosekuzzjoni hu li tirribatti l-aggravji tal-appellant u l-*prezunzjoni* tal-innocenza tibqa' sakemm il-Qorti tal-Appell finalment tiddeciedi jekk tilqax l-aggravji tal-appellant jew inkella tikkonfermax is-sentenza appellata[5].

[5] Dwar il-kaz ta' Papon, li saret referenza ghalih mill-appellant, ic-cirkostanzi f'dak il-kaz kienu differenti, billi hemmhekk kien hemm lezjoni tal-artikolu 6 billi Papon gie mcahhad mid-dritt ta' access ghal Qorti ghax ma tax ruhu f'idejn l-awtoritajiet u jitqieghed taht arrest,

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni, dwar l-ammissibilita' ta' l-applikazzjoni numru 18790/07 ta' Godfrey Ellul kontra Malta tat- 8 ta' Settembru 2009 fejn il-Qorti ta' Strasbourg iddecidiet fir-rigward ta' *The presumption of innocence on appeal*:
"This part of the applicant's complaint mainly relates to the fact that the Court of Appeal confined itself to examining whether the conclusion of the jurors was reasonably and lawfully reached, thus depriving him of the benefit of the presumption of innocence.

"The Court reiterates that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 is one of the elements of the fair criminal trial that is required by paragraph 1. It will accordingly consider the applicant's complaint from the standpoint of these two provisions taken together (see *Västberga Taxi Aktiebolag and Vulic v. Sweden*, no. 36985/97, § 108, 23 July 2002).

"The Court reiterates that the manner of application of Article 6 § 1 to proceedings before courts of appeal depends on the special features of the proceedings involved; account must be taken of the entirety of the proceedings in the domestic legal order and of the role of the appellate court therein (see *Sigurþór Arnarsson v. Iceland*, no. 44671/98, § 30, 15 July 2003).

"The Court notes that the Court of Appeal was called upon to examine the case as to the facts and the law. In particular, it had to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence. It partly reversed the first-instance judgment. It found the applicant innocent as to the first charge brought against him, and confirmed the other two charges on the basis of its own independent assessment of the evidence that had been submitted to the first-instance court. **The Court considers that such a detailed analysis of all the evidence related to each charge belies the applicant's allegations. The Court of Appeal was concerned with both the safety of the**

mentri f'dan il-kaz ir-rikorrent ma ccahhadx mid-dritt ta' appell, kellu access ghal Qorti, u l-aggravji tieghu dwar dak li gie deciz mill-Qorti Kriminali gew konsidrati u epurati mill-Qorti.

**applicant's conviction and whether the applicant had received a fair trial at first-instance. In these circumstances it finds no reason to doubt that the applicant had the benefit of the guarantees of Article 6 § 2.** (*emfazi tal-Qorti*).

"This part of the complaint must therefore be rejected as manifestly ill-founded pursuant to Article 35 §§ 3 and 4 of the Convention."

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud billi ma hemm ebda lezjoni tal-Artikoli 6(1) u (2) tal-istess Konvenzjoni.

Ilment taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

Diskrezzjoni tal-avukat Generali taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 jew 120(A) (2) tal-Kap. 31[6].

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant jghid li l-Avukat Generali, hu avversarju fil-process gudizzjarju. Hu ghandu diskrezzjoni li jibghat persuna quddiem il-Qorti tal-Magistrati, fejn il-piena massima u minima tvarja minn dik li kieku kellu jibghatu quddiem guri. Ghalhekk isostni li ma tistax parti mill-prosekuzzjoni tiehu decizjonijiet minghajr kriterji legali li ma jkunux sindakabbli minn Qorti imparzjali u indipendenti. Ghalkemm l-Avukat Generali ma jkunx qed jinfluwenza s-sentenza, huwa jkun qed jaghzel il-forum u jikkondizzjona l-piena applikabbli.

L-intimat wiegeb li l-Avukat Generali hu awtorizzat mil-Ligi jiddetermina l-forum quddiem min ghandu jidher l-akkuzat u dan wara li jikkunsidra l-gravita` tal-kaz. Imbaghad meta l-akkuzat jitressaq quddiem il-Qorti, sew jekk hi dik tal-Magistrati sew jekk hi l-Qorti Kriminali, il-process kollu tas-smigh tal-akkuzi u tad-determinazzjoni tal-innocenza o meno jibqghu mhux mittiefsa bid-decizjoni li jiehu l-Avukat Generali u ma jfissirx li ma jkunx inghata smigh xieraq.

---

[6] L-appellant qed jattakka l-*pozizzjoni* legali dwar id-dritt tal-avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 li huwa identiku ghall-artikolu 120(A)(2) tal-Kap. 31 (stante li dan jirrigwarda l-ecstasy).

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 li hu simili ghall-Artikolu 120A (2) tal-Kap. 31, ma jiksirx l-Artikoli 6 u 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi li kull min jinsab akkużat b’xi reat ghandu, fost affarijiet oħra, dritt li l-kaz tiegħu jinstema’ minn tribunal indipendenti u imparzjali.

Ma hemmx dubbju li f’dan il-kaz ir-rikorrent/akkuzat gie mressaq quddiem Qorti stabbilita bil-liġi, u ma jirrizultax li hu ma nghatax smigh xieraq jew li l-kaz tieghu ma nstemax minn gudikant li mhux indipendenti u imparzjali. Izda l-appellant isostni li d-decizjoni li jiehu l-Avukat Generali taht il-Kap. 31 dwar il-*forum* fejn jittressaq akkuzat ghandha rilevanza ghall-*fairness* u ghall-*impartiality* li jsemmi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Skond l-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31, li hu simili ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101, kull persuna akkuzata b’reat kontra din l-Ordinanza ghandha titressaq jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif jordna l-Avukat Ġenerali.

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li l-Avukat Generali jaghzel quddiem min jipprocessa akkuzat, apparti li dan il-poter johrog mil-ligi u *per se* mhux sindakabbli, ma jfissirx li l-Avukat Generali qieghed b’daqshekk jagixxi ta’ imhallef. Kwantu ghall-imparzjalita` o meno, l-Avukat Generali m’ghandu ebda kontroll fuq id-decizjoni jekk akkuzat jinstabx hati jew le, ghax dik id-decizjoni ma tinsabx f’idejh izda f’idejn min irid jiggudika. Kienet tkun differenti l-*pozizzjoni* tieghu kieku hu kellu poter taht il-ligi taghna li jippartecipa fid-determinazzjoni tal-htija o meno tal-akkuzat, bhal ma jigri f’certi gurisdizzjonijiet barranin, bhal fl-Italja u Franza. Bil-poter li taghtih il-ligi, l-Avukat Generali mhux qed jaghmel ebda *pre-judgement* jew gudizzju fuq htija tal-persuna li mexxa kontra taghha.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Rep. v. Mario Camilleri** deciza fit-23 ta' Jannar 2001:

"Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti - bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet, jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza - l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza".

Huma ghalhekk d-dispozizzjonijiet tal-liġi li jiddefinixxu l-elementi tar-reat u li jistabilixxu l-piena. Il-ligi tistabilixxi *minimum* u *maximum* ta' piena, u sakemm dawn ikunu maghrufa ghall-akkuzat u huma stabiliti meta jkun sar ir-reat, allura ma jistax jinghad li hemm ksur tal-Artikolu 6 jew 7 tal-Konvenzjoni (ara wkoll is-sentenzi **Q.K. Rep. v. M. Grech** 27/9/1990 u **Q.K. Godfrey Ellul v. Avukat Generali** 27/4/2006 fejn l-istess ilment gie respint).

Inoltre f'dan il-kaz l-appellant ma weriex kif effettivament din id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li qed jilmenta minnha laqtitu specifikatament fil-kaz tieghu jew b'liema mod kien hemm *unfairness* tal-proceduri fil-konfront tieghu. F'dan il-kuntest hu sinjifikanti dak li qalet il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Imbrioscia**[7], "*In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective*".

Huwa veru li l-Avukat Generali jiddeciedi li jezercita d-diskrezzjoni tieghu skond il-gravita` tal-kaz u skond il-ligi, izda fil-fehma tal-Qorti hu awspikabbli li, biex ikun hemm aktar trasparenza u aktar *fairness*, jigu stabbiliti kriterji cari li l-Avukat Generali ghandu jsegwi meta jiddeciedi

[7] Imbrioscia v. Svizzera 24.11.1993 (Applik Nru. 13972/88), §38

quddiem liema Qorti jibghat akkuzat biex jinstema' l-kaz tieghu.

Ilment dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll (A1P1).

Konfiska

Ir-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda l-konfiska tal-proprjeta` tieghu kollha inkluza dik li ma kellhiex x'taqsam mar-reat li tieghu nstab hati. Jghid li l-ligijiet li jordnaw tali konfiska taht l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 li japplika wkoll ghall-Kap. 31, huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu u jwaddbu piz, anke finanzjarju, fuqu sabiex jipprova li l-proprjeta` konfiskata kienet tezisti qabel id-data tal-allegat reat. Din l-applikazzjoni estensiva tal-ligi penali, skond l-appellant, tivvjola l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u hija esproprjazzjoni li tivvjola l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

L-intimat wiegeb li l-artikoli msemmija mill-appellant ma japplikawx f'dan il-kaz. Il-Ligi tipprovdi rimedju lill-appellant b'mod li hu jista' jikkontesta l-proceduri ta' konfiska billi jipprova li l-proprjeta` konfiskata ma kellhiex tinqabad. L-intimat isemmi li l-*United Nations Convention Against Illicit Traffic in Narcotic Drugs And Psychotropic Substances* 1988 tesigi li jkun hemm konfiska tar-rikavat tad-droga ghalkemm thalli lil kull stat liberu li jilhaq dan l-ghan skond is-sistema legali tieghu. Dwar l-oneru tal-prova li ntefa' fuq il-persuna akkuzata, l-appellat wiegeb li hemm diversi pajjizi Ewropej li jhaddnu xi forma ta' bdil fl-oneru tal-prova f'kazijiet ta' reati serji bhal dak in ezami.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-konfiska kienet permessa mil-ligi u jekk ir-rikorrent deherlu li giet konfiskata proprjeta` li ma kienitx gejja minn profitti jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu nstab hati, huwa messu ressaq talba lill-Qorti ordinarja ghar-rilaxx ta' dik il-proprjeta` skond il-ligi.

L-ilment tal-appellant f'dan ir-rigward hu bazat fuq l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li:

(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.

(2) Dan l-Artikolu ma ghandux jippregudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiz-zmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati.

Ir-rikorrenti jsostni li l-ligi kriminali giet interpretata estensivament a dannu tieghu meta giet konfiskata proprjeta` li kienet tappartjeni lilu qabel il-perjodu li dwaru gie akkuzat.

Illi fil-kaz in ezami l-Artikolu 7 ma japplikax billi dan jirrigwarda l-kaz fejn persuna tinstab hatja ta' att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali fil-hin meta dan ikun sar, jew ghall-ghoti ta' piena akbar minn dik li kienet applikabbli meta r-reat kriminali jkun sar. F'dan il-kaz ir-rikorrent instab hati taht il-ligi kif kienet meta gie kommess ir-reat u nghata piena kontenuta f'dik il-ligi u ma kien hemm ebda retroattivita` ta' ligi jew piena. L-iskop wara l-konfiska kien wiehed legittimu[8]. Il-konfiska applikata kontra l-appellant kienet maghrufa ghall-appellant billi kienet espressa fil-ligi, fl-Artikolu 120A Kap. 31 u din ma bdietx topera wara li gie kommess ir-reat mill-appellant.

L-appellant pero` jilmenta li giet konfiskata proprjeta` li ma kellhiex x'taqsam mall-kommissjoni tar-reat. Izda kif qalet

---

[8] *Article 5* CONFISCATION.
1. Each Party shall adopt such measures as may be necessary to enable confiscation of:
a) Proceeds derived from offences established in accordance with article 3, paragraph 1, or property the value of which corresponds to that of such proceeds;
b) Narcotic drugs and psychotropic substances, materials and equipment or other instrumentalities used in or intended for use in any manner in offences established in accordance with article 3, paragraph 1.
2. Each Party shall also adopt such measures as may be necessary to enable its competent authorities to identify, trace, and freeze or seize proceeds, property, instrumentalities or any other things referred to in paragraph 1 of this article, for the purpose of eventual confiscation.
3. In order to carry out the measures referred to in this article, each Party shall empower its courts or other competent authorities to order that bank, financial or commercial records be made available or be seized. A Party shall not decline to act under the provisions of this paragraph on the ground of bank secrecy.

l-ewwel Qorti, il-Ligi stess tipprovdi rimedju, skond l-Artikolu 22C[9] tal-Kap. 101, applikabbli wkoll ghall-Kap. 31 bl-Artikolu 120A(2B). Persuna ghalhekk tista' tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti li dik il-proprjeta` ma kellhiex tigi konfiskata. Ghalhekk bil-ligi taghna l-konfiska hija kontrollata bil-fatt li persuna tista' tikkontesta dik l-ordni quddiem il-Qrati ordinarji.

L-appellant jilmenta wkoll li twaddab piz fuqu, anke finanzjarju, biex jipprova li l-proprjeta` konfiskata ma kienitx provent ta' reat. Fil-fehma tal-Qorti dan mhux l-ewwel kaz fejn il-ligi titfa' l-oneru tal-prova fuq akkuzat, bhal fil-kaz ta' reati dwar il-ligi tad-dwana u taxxa. Anke f'kawzi civili fejn tinqabad proprjeta`, mobbli jew immobbli b'mandati, il-ligi tezigi minn persuna li kontra taghha nhareg il-mandat li tipprova li dak l-oggett ma kellux jinqabad. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ma hemm xejn fid-dispozizzjoni tal-ligi li ordnat il-konfiska li hi leziva tad-dritt tal-appellant

<u>L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi hekk:</u>

L-appellant jilmenta wkoll li gie lez id-dritt fundamentali tieghu taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (A1P1) billi l-konfiska tammonta ghall-esproprjazzjoni ta' proprjeta` kontra l-ligi.

Dan l-artikolu jipprovdi li:
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

[9] 22C. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) tal-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f 'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn Qorti tal-Gustizzja \kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk.

“Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".

Skond il-Qorti ta’ Strasbourg “Draconian powers for the seizure of goods in the customs or criminal context which pursue lawful and legitimate purposes have proved acceptable, subject to minimum requirements of procedural safeguards” (**Handyside v. U.K. u Agosi v. United Kingdom**).

Ukoll fil-kaz ta’ **PHILIPS v. U.K:**
“*As previously stated, the confiscation order constituted a “penalty” within the meaning of the Convention. It therefore falls within the scope of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1, which, inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (Allan Jacobsson v. Sweden (no. 1), judgment of 25 October, 1989, Series A no. 163, p. 17, § 55) ( para 1).*

*“As to the aim pursued by the confiscation order procedure, as the Court observed in Welch (judgment cited above, pp. 14-15, § 36), these powers were conferred on the courts as a weapon in the fight against the scourge of drug trafficking. Thus, the making of a confiscation order operates in the way of a deterrent to those considering engaging in drug trafficking, and also to deprive a person of profits received from drug trafficking and to remove the value of the proceeds from possible future use in the drugs trade” (para. 2).*“

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li l-iskop tal-ordni ta’ konfiska hu wiehed legittimu u bir-rimedju li tipprovdi l-istess ligi fejn l-akkuzat jista’ jikkontesta u jikkontrolla tali ordni, l-legislatur zamm bilanc

bejn l-interess tas-socjeta' in generali u l-interess privat tal-individwu.

Ghalhekk id-dritt tal-appellant taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma giex lez.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha tal-appellant billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------